MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 897/2002/1

**Thomas Smith Insurance Agency Limited bhala agent f'Malta ta' SIAT s.r.l. kif surrogata fid-drittijiet ta' Astrid Vella**
**vs**

**Jurgen Neuman**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fid-9 t'April 2002, fejn intalab il-hlas ta' mija u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm190.25) rapprezentanti hsarat li l-konvenut volontarjament ghamel fil-karrozza assikurata mad-ditta attrici. Il-konvenut huwa mitlub ihallas dan l-ammont bl-ispejjez u bl-imghax legali;**
**Is-socjeta` attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' Astrid Vella;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 26 ta' Marzu, 2002.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-11 ta' Gunju 2002 fejn intqal illi:**
**i. l-allegazzjoni ta' l-attur nominee illi huwa ghamel hsara volontarja fil-vettura assikurata cioe` dik ta' Astrid Vella, hija kontestata bhala nfondata kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez;**
**ii. Illi l-assigurata ppruvat tisraq l-ispazju fejn dak il-hin kien qed se jirriversja fih il-konvenut, liema spazju kien qed jokkupah fizikament iben il-konvenut stess u, hekk kif beda l-manuvra, il-konvenut gie mblokkat bil-vettura ta' Vella, li giet minn warajh, u ppjazzat ruhha quddiem il-vettura tal-konvenut; bdiet ser tirriversja avolja sarula sinjali biex ma tkomplix, u l-konvenut hareg biex jipprotegi lil ibnu li kienet ser tghafas fuqu bil-vettura, billi hu, Sven Neuman, kien qrib il-hajt. Kompliet tinjora kollox u ghafset lill-konvenut u kaxkret il-karrozza mal-mobile phone tieghu.**

**Semgha x-xhieda ta' Astrid Vella, Jurgen Neuman u Sven Neuman. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda danni subiti mill-assikurata tas-socjeta` attrici fil-vettura taghha numru ta' registrazzjoni SAF-004. Dawn id-danni gew allegatament ikkawzati volontarjament mill-konvenut meta din kienet qed tidhol f'post ta' parkegg, li ried juza l-konvenut.**
**2. Jirrizulta skond id-Dok.A7 esibit li l-vettura ta' l-assikurata kellha brix fuq il-"boot", il-parti ta' fuq tal-mudguard ta' wara in-naha tal-lemin, u fuq il-bumper il-parti t'isfel in-naha tax-xellug. Jirrizulta li dan il-brix ma kien hemm qabel ma l-assikurata kienet hadet il-vettura ghas-servicing f'dik l-istess gimgha.**
**3. L-incident gara fis-27 ta' Lulju, 2001, meta l-attrici kienet qed issuq f'Ghar il-Lembi Street, Sliema, niezla fid-direzzjoni ta' Ghar-id-Dud.**

**4. Jirrizulta li l-attrici bdiet tirriversja f'post ta' parkegg, filwaqt li l-vetturi ta' quddiemha baqghu nizlin l-imsemmija triq. Ftit aktar l-isfel il-konvenut kien resaq ghal genb, bi prudenza, sabiex jippermetti t-traffiku jghaddi, u ibenil konvenut kien qed izommlu l-post fejn riedet tidhol l-attrici.**

**5. Jirrizulta li meta ra lill-attrici diehla l-konvenut avvicinaha biex jghidilha li dak kien bi hsiebu jidhol fih hu. L-attrici baqghet tregga lura. Il-konvenut baqa' fin-nofs, bil-konsegwenza li Vella rasset kontrih, u jirrizulta soddisfacentement pruvat li d-danni graw minhabba l-mobile li kien qed igorr il-konvenut.**

**6. Ma hemmx dubbju li f'dawk l-akkwati hemm problema kbira ta' parkegg. B'dana kollu it-Tribunal jinnota li ghandha tintuza dejjem il-prudenza bejn is-sewwieqa. Anke jekk Vella ghandha parkegg fil-vicinanzi, it-triq hi ta' kulhadd u kellha kull dritt li tidhol fil-parkegg vojt li sabet. Da parti tieghu il-konvenut kien prudenti fil-fatt li resaq biex jghaddu l-karrozzi l-ohra, proprju biex ma jostakolax it-traffiku. Da parti taghha Vella f'dak il-hin sabet post vojt u marret biex tokkupah. Ghalhekk meta l-konvenut mar ikellimha u ra li din ma rieditx tisma, ma jmessux dahal bhala barriera umana biex din ma tkomplix il-manuvra li kienet qed taghmel. Il-konsegwenza kienet li l-konvenut kien fin-nofs anzi mar hu fuq il-vettura taghha, kellu mobile b'haga tal-metall u cinturin, u b'dawn saret hsara zghira fil-vettura ta' l-attrici, konsistenti principalment fi brix.**

**7. Id-danni subiti huma dawk mitluba fl-ammont ta' mija u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm190.25).**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm190.25) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------